Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,464, 4 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 123 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2025 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2025 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) għall-**Business Education**: grad tal-ewwel ċiklu mill-anqas b'16-il krettu ECTS fl-Accountancy, 16-il krettu ECTS fl-Ekonomija u 38 krettu ECTS f'oqsma ikkunsidrati rilevanti mill-Bord tal-Istudji;"

4. Minflok is-sotto-paragrafu (xvi) tal-paragrafu (b) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(xvi) għall-**Edukazzjoni Reliġjuża**: grad tal-ewwel ċiklu mill-inqas b'70 krettu ECTS fit-Teoloġija jew f'qasam ikkunsidrat rilevanti mill-Bord tal-Istudji;"

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) joqogħdu għall-'Maltese Proficiency Test' – Test ta' Profiċjenza fil-Malti fil-bidu tal-Kors:

sakemm li l-applikanti li għandhom ċertifikat tal-Matrikola fil-Malti fil-Livell Intermedju jew Avvanżat bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit. L-istudenti li jeħlu fit-Test ta' Profiċjenza fil-Malti jkunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors ta' profiċjenza fil-Malti approvat mill-Bord qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit ta' profiċjenza fil-Malti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dan ir-rekwiżit. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit; u"

6. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) joqogħdu għall-'Maltese Proficiency Test' – Test ta' Profiċjenza fil-Malti fil-bidu tal-Kors:

sakemm li l-applikanti li għandhom ċertifikat fil-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit. L-istudenti li jeħlu fit-Test ta' Profiċjenza fil-Malti jkunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors ta' profiċjenza fil-Malti approvat mill-Bord qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit ta' profiċjenza fil-Malti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dan ir-rekwiżit. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit; u"

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. (1) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS għat-taqsimiet-studju inklużi fil-programm ta' studju tal-ewwel sena tal-kors full-time b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma."